# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2007/0175(CNS)**

9.10.2007

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra
(COM(2007)0488 – C6-0000/2007 2007/0175 (CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Jan Marinus Wiersma

PA_Legapp

## ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Ir-rapporteur tagħkom jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni malajr tan-negozjati dwar ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra, fl-istess waqt ta' ftehima għar-rijammissjoni. Il-ftehima tmur lilhinn mill-prijoritajiet stipulati għall-Moldova fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Viċinanzi, u toffri liċ-ċittadini tal-Moldova il-benefiċċju tanġibbli ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Moldova.

Il-ftehima tpoġġi lir-Repubblika tal-Moldova fuq l-istess skala tal-pajjiż ġar tagħha, l-Ukraina, u titratta xi ftit mill-effetti negattivi li l-adeżjoni tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 kellha fuq il-mobilità transkonfinali taċ-ċittadini Modlovani. Il-ftehima tevita wkoll sitwazzjoni fejn iċ-ċittadini Moldovani li għandhom passaport Russu jgawdu aktar libertà ta' vjaġġar minn oħrajn.

Il-gvern tal-Moldova għandu jimpenja ruħu li jwettaq ir-riformi meħtieġa sabiex jippermetti l-estensjoni tas-sistema ta' l-iffaċilitar tal-viża għal aktar kategoriji ta' vjaġġaturi u sabiex iwitti t-triq għal-liberalizzazzjoni sħiħa ta' viża fil-futur, li hija rikonoxxuta fil-fethima bħala objettiv fit-tul. Żvilupp bħal dan jista' jgħin sabiex jonqos in-numru ta' ċittadini Moldovani li għandhom passaporti ta' pajjiżi terzi, u b'hekk itejjeb ukoll il-koeżjoni tal-pajjiż.

Ir-rapporteur tagħkom jittama li l-ftehima tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv lejn aktar intensifikazzjoni tar-rabtiet bejn l-UE u l-Moldova. Intensifikazzjoni simili, madanakollu, ma tistax titqies separatament mill-istabilità ġenerali tal-pajjiż, li tiddependi mill-isforzi li jagħmel il-gvern Moldovan sabiex jimplimenta riformi demokratiċi kif stipulat fil-Pjan ta' Azzjoni u minn soluzzjoni paċifika u komprensiva tal-kunflitt fit-Trażnestrija fi ħdan il-qafas ta' rispett lejn l-integrità terratorjali tal-Moldova.

Ir-rapporteur jilqa' wkoll b'sodisfazzjon l-inizzjattiva għal-Ħolqien ta' Ċentru Komuni għall-Applikazzjoni tal-Viża f'Chişinău, li fetaħ f'April 2007. Din il-forma innovattiva ta' kooperazzjoni konsulari bejn Stati Membri ta' l-UE u pajjiz li jilqà l-inizzjattiva fit-territorju tiegħu tnaqqas konsiderevolment l-ispejjeż tat-tranżizzjonijiet sabiex tinkiseb viża Schengen. Dan huwa partikolarment importanti għaċ-ċittadini ta' pajjiż żgħir, fejn huma fil-minranza dawk il-pajjiżi ta' l-UE li għandhom preżenza diplomatika sħiħa. Dan joffri wkoll l-opportunità li tissaħħaħ il-viżibilità ta' l-Unjoni Ewropea f'pajjiżi terzi. Ir-rapporteur jittama li l-esperjenza li nkisbet f'Chişinău twassal għall-ftuħ ta' ċentri oħrajn simili, u jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jipparetċipaw fl-inizzjattiva.

Ir-rapporteur tiegħek jistieden liż-żewġ partijiet biex jirratifikaw iż-żewġ ftehimiet bla dewmien sabiex dawn ikunu jistgħu jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

******

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehima bejn il-KE u l-Moldova dwar viżi għal żjajjar qosra |
| **Referenzi** | COM(2007)0488 - 2007/0175(CNS) |
| **Kumitat responsabbli** | LIBE |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET |
| **Rapporteur ta' opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Jan Marinus Wiersma<br>12.9.2007 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 9.10.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 9.10.2007 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 8<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Cristian Silviu Buşoi, Michael Gahler, Anna Ibrisagic, Ioan Mircea Paşcu, Samuli Pohjamo, Charles Tannock, Josef Zieleniec |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | Luis Yañez-Barnuevo García |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Viżi għal żjarat qosra bejn il-KE u r-Repubblika tal-Moldova |
| **Referenzi** | COM(2007)0488 - 2007/0175(CNS) |
| **Kumitat responsabbli** | LIBE |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET |
| **Rapporteur ta' opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Jan Marinus Wiersma<br>12.9.2007 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 9.10.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 9.10.2007 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 8<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Cristian Silviu Buşoi, Michael Gahler, Anna Ibrisagic, Ioan Mircea Paşcu, Samuli Pohjamo, Charles Tannock, Josef Zieleniec |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | Luis Yañez-Barnuevo García |